MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 653/2002

**C. Fino & Sons Limited**
**u b'nota ta' l-4 ta' April, 2003, s-socjeta' B&F Construction Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok C. Fino & Sons Limited fil-konfront tal-konvenuti kollha odjerni**

**vs**

**1. Sovereign Hotels Limited**
**2. Christopher Gauci**
**3. Jean Pierre sive Jean Borg**
**4. Nicole Borg**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-avviz tas-socjeta' attrici pprezentat fid-29 ta' Ottubru, 2002 fejn talbet ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, disa' mija u sbatax-il lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm4,917.56) import ta' sitt (6) kambjaliet enumerati minn 47397 sa' 47402 tal-valur unitarju ta' Lm813 hlief ghall-

ahhar wahda li ghandha valur ta' Lm852.56c, kopja ta' liema jinsabu uniti u mmarkati Dok. "A" u "B", u liema kambjaliet huma accettati mis-socjeta' konvenuta, avallati mill-konvenuti l-ohra, skaduti, pero' mhux imhallsa, u dana kif jidher ukoll mill-istatement unit u mmarkat Dok. "C".

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-6 ta' April, 2001 u ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Lulju, 2002, tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment, u bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data ta' l-effettiv pagament, u li sad-9 ta' Ottubru, 2002, kien jammonta ghal Lm288.27 kif jidher mid-dok. "C" unit, kontra konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' ammissjoni tas-socjeta' konvenuta Sovereign Hotels Limited.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni fuq imsemmija u billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-27 ta' Mejju, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------